MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 347/2007/1

**Avviz Numru: 347/2007/SM**

**Agius Marble Works Limited (C-12292)**

**vs**

**Oliver Ruggier**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Novembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti;***

*Rat r-rikors fuq indikat datat il-5 ta' Ottubru tas-sena 2007, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat fuq indikat sabiex jghid ghaliex m' ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Illi jhallas is-somma ta’ elf hames mija disa` u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (Lm1,599.50), oltre l-imghax legali mill-25 ta’ Awwissu tas-sena 2004, sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-prezz ta’ forniment ta’ irham u tqeghid tal-istess irham fil-fond gewwa Rudolph Street, Sliema, skont skrittura, ossia ftehim, li sar f’ Marzu tas-sena 2004;*

*2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata l-5 ta’ Dicembru 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors;*

*3. Illi l-intimat hu ingunt ghas-subizzjoni;*

*Rat ir-risposta datata d-19 ta’ Dicembru tas-sena 2007, li permezz taghha l-intimat wiegeb bil-mod s-segwenti:*

*1. Illi preliminarjament, l-intimat mhuwiex il-legittimu kuntradditur u dana, stante illi fl-ewwel lok mhuwiex, u qatt ma kien, il-proprjetarju tal-fond indikat fir-rikors promotur u stane, illi fit-tieni lok, qatt ma inkariga lis-socjeta` attrici twettaq il-forniment u s-servizzi indikati fir-rikors promotur;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, it-talbiet attrici huma preskritti bl-gheluq ta’ tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148 (b) u l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*3. Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghassuespost, it-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont indikat fir-rikors promotur mhux dovut;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;*

*Rat id-digriet taghha datat it-22 ta’ Jannar tas-sena 2008, li permezz tieghu, in vista tal-ewwel zewg (2) risposti ta’ natura preliminari sollevati mill-intimat, ordnat il-kapovalgiment tal-provi fir-rigward tal-istess zewg eccezzjonijiet;*

*Rat il-verbal tar-rapprentant legali tal-intimat datat l-14 t' Ottubru tas-sena 2009, li permezz tieghu irtira l-ewwel risposta ta' natura preliminari minnu originarjament sottomessa;*

*Semghet ix-xhieda prodotta, limitatament ghat-tieni paragrafu tar-risposta tal-intimat li hi ta' natura preliminari;*

*Ezaminat id-dokumenti ezebiti;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet u dan, limitatament ghall-eccezzjoni preliminari fuq riferita;*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-posizzjoni tal-intimat rigwardanti l-eccezzjoni preliminari tieghu tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-fond fejn gie ezegwit ix-xoghol in dizamina gewwa Triq Rudolfu, Tas-Sliema, hu proprjeta` ta' kumpanija tal-intimat, li ggib l-isem ta' Rudolph Estates Limited;*

*2. Illi jafferma pero` illi meta gie ezegwit ix-xoghol mis-socjeta` rikorrenti fil-fond de quo, dan il-fond ma kienx proprjeta` tas-socjeta` tal-intimat indikata fil-paragrafu precedenti, izda ta' Polidano Brothers Limited, (ara fol.12);*

*3. Illi in effetti l-istess intimat isostni li ma kienx hu li ordna x-xoghlijiet de quo minghand is-socjeta` rikorrenti, (ara fol. 12), u ghalhekk isostni li s-socjeta` indikata fil-paragrafu numru 1 hadet il-post in dizamina sena wara li kien sar ix-xoghol de quo;*

*4. Illi jirrizulta li x-xoghol de quo kien gie ordnat minn certu Anthony Farrugia, "site manager" fuq il-progett li qatt ma kien impjegat mill-intimat ghaliex minflok, kien impjegat ta' Polidano Brothers Limited, (ara fol.13);*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-allegazzjonijiet tal-intimat fuq riprodotti huma suffragati mid-dokument tal-istess socjeta` rikorrenti pprezentat a fol. 14;*

*Illi l-intimat jidher li xtara l-ishma tas-socjeta` Rudolph Estates Limited fit-30 ta' Novembru tas-sena 2001, (ara fol. 19);*

*Illi jirrizulta li l-fond in dizamina li jappartjeni lis-socjeta` Rudolph Estates Limited kien originarjament tas-socjeta` Tumas Group, li bieghet l-istess fond fuq konvenju biss lis-socjeta` Polidano Brothers Limited li eventwalment bih l-istess lis-socjeta` Rudolph Estates Limited;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi jirrizulta li l-ishma ghax-xogholijiet in dizamina fil-fond de quo inharget mis-socjeta` rikorrenti favur Anthony D. Farrugia f'isem Polidano Brothers Limited, u dan, fit-2 t' April tas-sena 2002;*

*Illi pero` jirrizulta wkoll li intbaghtet stima sussegwenti ghall-istess xoghol datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2004, li pero` din id-darba kienet indirizzata lil Oliver Ruggier stante li kien informa lis-socjeta` rikorrenti li l-kumpanija kienet tahdem hemm qabel kienet spiccat, u in effetti fuq l-istess stima li kopja taghha hi annessa f' fol. 22 hemm ukoll il-firma tal-istess intimat;*

*Illi jirrizulta li oltre li iffirma l-istima tax-xoghol involut personalment, l-istess intimat ta mitejn Lira Maltin, (Lm200.00), depozitu ghall-istess xoghol – u allura dan sar f'Marzu tas-sena 2004, (ara fol.22) kif jidher minn kopja tac-cekk li bih sari l-pagament de quo, (ara fol. 24);*

*Illi jirrizulta li x-xoghol hekk ordnat kien gie kollu esegwit u sar anke xoghol addizzjonali fuq ordni tal-istess intimat;*

*Ikkunsidrat;*

*Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti nterpellat lill-intimat gudizjarjament ghall-ammont in dizamina fil-5 ta'*

*Dicembru tas-sena 2006, li giet minnu ricevuta fid-9 tal-istess xahar;*

*Ikkunsidrat;*

*Illi ghaldaqstant jirrizulta s-segwenti:*

*1. Illi l-fond in dizamina hu llum proprjeta` tas-socjeta` Rudolph Estates Limited;*

*2. Illi t-trattattivi ghall-xoghol tal-irham fl-isemmi fond saru bejn rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti u l-intimat personalment, u dan, talli:*

*i. Ikkonduca t-trattattivi personalment;*

*ii. Hallas depozitu ghall-istess mill-fondi tieghu personali;*

*iii. Personalment ta struzzjonijiet biex jizdiedu xoghlijiet ohra in konnessjoni mal-ftehim originali;*

*3. Illi l-perijodi operattivi huma s-segwenti:*

*i. Id-9 ta' Dicembru tas-sena 2006, data li fiha l-intimat ircieva l-ittra ufficjali fuq riferita;*

*ii. Il-5 ta' Ottubru tas-sena 2007, data li fiha giet intavolata l-procedura odjerna;*

*iii. Is-27 ta' Novembru tas-sena 2007, data li fiha l-intimat gie notifikat bil-procedura odjerna;*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat tirrigwarda l-artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap. 16 li sintetikament jistabilixxi l-azzjonijiet hemm indikati jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax (18)-il xahar;*

*Illi jirrizulta li dan il-perijodu ma jidhirx li ghadda fil-konfront tal-intimat u ghalhekk it-talba preliminari tieghu ma tistax tigi suffragata;*

*Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi t-talba preliminari tieghu rigwardanti l-preskrizzjoni stante li ma tirrizultax li avverat ruhha, tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu, bl-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari kontra l-intimat Oliver Ruggier.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Oliver Ruggier datat 22 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-kumpanija appellata Agius Marble Works Limited datata 14 ta' Dicembru 2010 a fol 11 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. John Gauci ghall-appellant u Dr. Nicholai Vella Falzon ghas-socjeta` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet permessi datata 3 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellanti appella ghaliex sostna li (a) li l-perjodu ta' tmintax-il xahar indikat bhala preskrizzjoni skond l-**artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap. 16** minn meta s-socjeta' attrici kellha taghmel l-azzjoni skada, b'dan li l-aggravju

tieghu huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti ikkalkoltat iz-zmien hazin peress li kkalkulat erronjament li tali perjodu ghad-dekors tal-preskrizzjoni kellu jibda jghaddi mid-data li l-ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru 2006 giet notifikata lill-appellant fid-9 ta' Dicembru 2006, u la darba l-kawza saret fil-5 ta' Novembru 2007, u l-appellant ircieva l-istess fis-27 ta' Novembru 2007 allura l-perjodu indikat ta' tmintax il-xahar gie rez li ma ghaddiex, meta d-data operativa kienet dik meta gie kkonsenjat l-istess materjal li kien qabel id-data ta' domanda ta' pagament datata 25 ta' Awwissu 2004 (Dok. "AMW3"); it-tieni aggravju huwa fis-sens anke jekk tapplika preskrizzjoni ohra, li skond l-appellant kienet imsemmija mill-appellat, u cjoe' l-**artikolu 2149 (a),** li allura l-appellant kien qed iressaq f'dan l-istadju ta' appell ghaliex jikkontendi li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titressaq f'kull stadju tal-kawza, anke fi stadju ta' appell (**artikolu 2112 tal-Kap. 16)**, xorta wahda l-azzjoni attrici tigi preskritta ghaliex it-terminu hemm indikat ta' sentejn ukoll skada, u dan ghaliex mid-data meta gie fornit u mwahhal l-istess materjal ghaddew u aktar preciz mid-data tat-talba ta' pagament li kienet saret fil-25 ta' Awwissu 2004, kienu ghaddew iktar minn sentejn u precizament sentejn, tlett xhur, u ghaxart ijiem.

Illi jidher li l-appellat ma indirizzax l-ewwel aggravju, izda llimita ruhu sabiex jikkontesta il-punt jekk l-appellant setax jeccepixxi preskrizzjoni ohra u gdida f'dan l-istadju tal-appell, pero' naturalment din il-Qorti l-Ewwel trid tittratta l-ewwel aggravju.

Illi fil-verita' dwar l-ewwel aggravju ftit hemm x'jinghad ghaliex jidher car u palezament li l-Ewwel Qorti sfortunatament ghamlet kalkolu zbaljat ta' kif kellu jigi kkalkulat il-perjodu ta' preskrizzjoni u dan jibda jiddekorri minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata, u la darba jirrizulta car li l-materjal fornit konsistenti f'irham kien gja tqieghed fil-25 ta' Marzu 2004, tant li dak in-nhar saret talba ghall-pagament tal-ammont mertu tal-kawza odjerna, (Dok. "AMN 3" – fol. 25) mela allura la darba l-ittra ufficjali giet prezentata biss fil-5 ta' Dicembru 2006 u notifikata fid-9 ta' Dicembru 2006, mela allura l-azzjoni attrici kienet skond l-istess **artikoli 2148 (a) u (b) tal-Kap.**

**16** gja preskritta, ghaliex ma kien hemm ebda interruzzjoni effettiva ta' preskrizzjoni sakemm giet prezentata l-azzjoni attrici fil-5 ta' Ottubru 2007. Dwar dan, is-socjeta' appellanti ma tghid xejn u dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tenut kont tal-fatti tal-kaz ftit hemm x'jinghad fuq l-istess, u fuq il-konsiderazzjonijiet ta' fatt zbaljati li ghamlet l-ewwel Qorti, li huma manifesti ghaliex il-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni ma kellux jibda jigi kkalkulat mid-data tal-ittra ufficjali, izda d-data meta gie kkonsenjat u se mai mwahhal l-istess materjal, li kien qabel il-kont datat 24 ta' Marzu 2004.

Illi huwa veru li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li jsir mill-Ewwel Qorti kif inghad fis-sentenza **"Connie Cacciotolo vs Silvio Bonnici et"** – A.C. – 20 ta' Jannar 2003, izda dan ma huwiex principju assolut ghaliex fejn jidher car u manifestament li kien sar zball mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi, jew jekk inkella l-Ewwel Qorti, tenut kont tal-provi quddiemha qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjonijiet li tkun waslet ghalihom anke tenut kont tal-parametri ta' apprezzament u diskrezzjoni li hija ghandha fuq il-kaz, u dan skond il-principji ennuncjati fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) fejn inghad ukoll li:-

"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara* ***"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"*** *(A.C. – 10 ta' Frar 1961);* ***"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"*** *(A.C. - 5 ta' Ottubru 2001);* ***"Carmelo Agius vs John Agius"*** *(A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994);* ***"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"*** *(A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement* ***"Dr. Adrian's Garden***

***Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"*** *(A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti, minkejja dak li qed tghid is-socjeta' appellata, kienet irriteniet li legalment ghall-kaz in ezami kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap. 16** u dan ghaliex fl-istess sentenza jidher li din kienet l-unika preskrizzjoni li giet imqajjma u kkonsidrata, u fil-fatt il-Qorti applikat l-istess izda uzat dak li hija sejhet bhala "perjodi operativi" zbaljati, ghaliex kif inghad imxiet ghal bidu tad-dekors tal-preskrizzjoni mid-data tad-9 ta' Dicembru 2006, data li fiha l-intimat ircieva l-ittra ufficjali, meta dan kien manifestament zbaljat peress li tali terminu kellu jibda jghaddi minn meta gie kkonsenjat l-istess materjal u dan kien certament u zgur qabel id-data tal-imsemmi kont tal-24 ta' Marzu 2004, u meta jigi kkonsidrat li l-ittra ufficjali giet prezentata fil-5 ta' Dicembru 2006 (Dok. "B" – fol. 64, mela allura l-azzjoni odjerna hija preskritta ghaliex meta giet prezentata l-ittra ufficjali t-terminu ta' 18-il xahar kien gja ghadda, u allura ma kien hemm ebda interuzzjoni ta' preskrizzjoni, u meta giet prezentata l-azzjoni attrici fil-5 ta' Ottubru 2007, din kienet preskritta wkoll u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u b'dan li d-decizjoni appellata qed qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li minflok it-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant qed tigi milqugha u t-talba attrici qed tigi michuda ghaliex preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap. 16.** Illi lanqas hemm dubju li tali artikoli huma applikabbli ghall-kaz in ezami almenu fuq il-fattispecie tal-kaz in ezami (**"Joseph Cassar nomine vs Joe Galea"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2001). Dan jinghad iktar u iktar meta l-fattispecie tal-kaz jidhru li huma l-istess f'dak li huwa n-negozju li kien hemm bejn il-partijiet bhal dak kontemplat fil-kawza fl-ismijiet **"Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dicembru 2005) fejn inghad li *"l-ligi taghna tipprexindi mill-kwalita' tal-persuni u anzi ma tharisx lejn dik li tista' abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita' partikolari in kwestjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII.III.p.959)".* Barra minn dan, hemm differenza ohra

iktar fondamentali u cjoe' jekk il-prezz reklamat huwa ghall- oggetti destinati biex jigi rivendut jew manifatturat f'opera (**Kollez. Vol. XXIII.i.909)** jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce attwalment mibjugha u dan fi kwantita' apprezzabbli, u dan allura jkun bejgh bl-ingrossa, li certament dan ma kienx il-kaz odjern (**"Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et"** – A.C. – 22 ta' Gunju 1970; **Vol.XXI.iii.235)** u allura ghal dan il-kaz tapplika l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16.**
Illi biss ghall-grazzja tal-argument u biss obiter jinghad li s-socjeta' appellanti ma hijiex korretta meta tghid li eccezzjoni ta' preskrizzjoni gdida ma tistax titqajjem fi stadju ta' appell, u dan jidher car mid-disposizzjoni tal-**artikolu 2112 tal-Kap. 16** li jipprovdi li *"l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell"* u kieku kellha tigi kkunsidrata l-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2149 (a)** ghall-ewwel darba eccepiet mill-appellant f'dan l-istadju dan seta` jsir skond il-Ligi, u dan kif gie deciz kostantament mill-Qrati nostrali nkluz fis-sentenzi **"Joseph Gauci vs Saviour Farrugia"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Gunju 2005) fejn inghad li:-
*"Issa f'din is-sede l-appellant jinqeda bid-dispost ta' l-Artikolu 2113 Kodici Civili billi jippreciza illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik stabbilita' fl-Artikolu 2149, sub-inciz (c) tal-Kapitolu 16. In linea ta' principju generali din il-Qorti fi grad ta' appell ma tistax ma tammettix din l-eccezzjoni. Dan ghaliex "qatt ma gie dubitat illi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, anke bl-emendi ghal Kap. 12, tista' tigi sollevata fi stadju ta' l-appell (**"Paul Balzan nomine vs John Scicluna nomine",** Appell 3 ta' Dicembru 1999). S'intendi, dejjem, dejjem salv il-kwistjoni rigwradanti l-kap ta' l-ispejjez. Ara **Kollez. Vol. XXIII.i.952** u **Vol. XXXIV.i.329".***
Illi l-istess jinghad fis-sentenzi fl-ismijiet **" Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Joseph Quattromani"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2004) u **"Gayle Scerri vs Eric Borg et"** (A.I.C. – 20 ta' Ottubru 2003) fis-sens li:-
*"Issa ma jidhirx li jista' jkun dubitat illi eccezzjoni ta' preskrizzzjoni tista' titqajjem anke fi stadju ta' l-appell. In kwantu eccezzjoni perentorja fuq il-mertu japplika ghaliha d-dispost tal-Artikolu 732 (1) tal-Kap. 12 li jipprovdu li*

*“eccezzjonijiet perentorju jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fil-grad ta’ l-appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad. B’mod aktar preciz “eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, mqar fl-appell (Art. 2112 tal-Kodici Civili)”. “Infatti qatt ma gie ddubitat jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anki bl-emendi ghall-Kodici tal-Procedura tistax tigi sollevata fi stadju ta’ l-appell salv dejjem il-kwestjoni rigwardanti l-kap ta’ l-ispejjez”. (**“Paul Balzan nomine vs John Scicluna nomine”,** Appell 3 ta’ Dicembru 1999)”.*

Illi mela allura certament li dak citat mis-socjeta’ appellanti fejn saret riferenza ghas-sentenza **“Malcolm Cachia nomine vs Joseph Apps nomine”** A.C. – 30 ta’ Gunju 1997) ma ghandu x’jaqsam xejn mal-punt li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista’ titqajjem f’kull zmien anke fl-istadju tal-appell u dan huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghaliex dejjem gie hekk ritenut, izda wkoll peress li din tohrog minn disposizzjoni cara tal-ligi u senjatament mill-**artikolu 2112 tal-Kap. 16,** li l-kliem tieghu tant huwa car li lanqas biss hemm lok ta’ interpretazzjoni.

Illi mela dan ifisser li l-appellant seta` jqajjem eccezzjoni ta’ preskrizzjoni fuq artikolu specifiku anke f’dan l-istadju dejjem salv id-decizjoni dwar l-ispejjez kieku tali eccezzjoni kellha tigi milqugha. F’dan il-kaz l-appellant irrefera ghall-**artikolu 2149 (a),** li anke kieku ghall-grazzja tal-argument biss kellu jinghad li japplika ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-azzjoni esperita hija preskritta wkoll skond dan l-artikolu ghaliex it-terminu ta’ preskrizzjoni hemm indikat huwa ta’ sentejn, u la darba l-kont hareg fl-24 ta’ Marzu 2004, u l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Dicembru 2006 giet notifikata fid-9 ta’ Dicembru 2006, mela allura t-terminu ta’ sentejn minn meta l-azzjoni setghet tigi esperita kien gja skada u la darba l-azzjoni odjerna saret fil-5 ta’ Ottubru 2007, mela allura l-azzjoni attrici kienet tkun preskritta anke a bazi ta’ dan l-artikolu.

Illi allura in vista tal-fatt li l-ewwel aggravju qed jigi milqugh, is-sentenza appellata qed tigi mhassra u revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b’dan li qed tigi milqugha t-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant li l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2148 (a) u**

**(b) tal-Kap. 16** u ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici appellata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta' tas-socjeta' appellata Agius Marble Works Limited datata 14 ta' Dicembru 2010, **tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu datat 22 ta' Novembru 2010 fis-sens li qed tigi milqugha l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap. 16, b'dan ghalhekk li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Agius Marble Works Limited vs Oliver Ruggier" datata 3 ta' Novembru 2010 (Rikors Numru 347/07SM) b'dan li minflok qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal- artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap. 16, u b'hekk qed tichad it-talba attrici kontenuta fl-Avviz datat 5 ta' Ottubru 2007 ghaliex tali talba u azzjoni hija preskritta kif hawn deciz.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellata Agius Marble Works Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------